**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Salvatore Farrugia** ta' 55 sena, iben Anthony u Maria Antonia xebba Vella, li joqghod 3, Djar tal-Gvern, Triq Dr Anton Tabone, Rabat, Ghawdex.
Numru tal-Karta ta' Identita 19545(G)

Illum 28 ta' Novembru 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-18 ta' Gunju 2000 fl-eghlieqi maghrufa bhala is-Saqwi limiti ta' Fontana, bhala persuna li fuq fuq ismu kellu l-licenzja u ghalhekk responsabbli mill-hruq tal-loghob tan-nar ghall-festa titulari tal-Fontana, naqas li jaghmel dak kollu li kien mehtieg sabiex isib u jnehhi mill-inhawi ta' madwar il-post tal-hruq, dawk l-oggetti kollha ta' xogholijiet tan-nar li ma jkunux hadu jew splodew, (2) aktar talli uza materjal (plastic) ghall-iskratec tax-xogholijiet tan-nar tal-art u nar tal-ajru u dana bi ksur tal-artikolu 10 ta' l-istess regolamenti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi tliet guvnotti kellhom fil-pussess taghhom madwar sittin (60) bomba zghira u kienu qed jippruvaw jibnu bomba bihom. Dawn sabuhom wara tfittxija li ghamlu f'zewg eghlieqi wara li kien inharaq n-nar tal-festa. Tnejn minn dawn il-guvnotti ddahhlu l-isptar isofru minn xi griehi kawza ta' xi spluzzjoni wara li dawn ippruvaw jifthu l-isplussivi.

Il-Kurunell Camilleri xehed illi huwa ezamina diversi ‘beraq’ zghar maghmulin bil-patassa u li kellhom tappijiet tal-plastika li allura jmur kontra r-regolamenti.

L-imputat xehed illi huwa responsabbli min-nar tal-festa titolari. Wara l-attivita` l-haddiema tieghu jaraw jistghux isibu xi bombi mhux sploduti. Il-bombi jikkonsistu f’cilindri zghar ta’ bejn wiehed jew zewg centimetri.

Il-Qorti thoss illi l-provi f’dan il-kaz huma inkonklussivi u ghalhekk ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur